***Kunsill Lokali Ħamrun***
***Triq id-Duka ta' Edinburgh***
***Ħamrun***
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret it-tliet mija u tliet laqgħa (laqgħa ta' urġenza) tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar it-Tlieta 7 ta' Frar 2012 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Viċi Sindku |
| Dr. Johnaton Abela LL.D. | Kunsillier |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bernardette Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Arthur Ellul | Kunsillier |
| Dr. Paula Mifsud Bonnici LL.D | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valletta Minst SMM (UK), MCIM (UK), M.B.A. (Maastricht) | Kunsillier |

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Inawgurazzjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv u Parkeġġ

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-laqgħa ta' llum issejħet biex il-Kunsill jiddeċiedi d-data kif ukoll l-attivitajiet għall-Inawgurazzjoni tal-uffiċċju Amministrattiv u Parkeġġ. Huwa spjega li kien talab lill-Kunsilliera biex jibgħatu suġġerimenti tagħhom għal din l-okkażjoni.

  Dr. P. Mifsud Bonnici spjegat li jkun opportun li qabel niddiskutu l-Inawgurazzjoni nisimgħu l-kummenti tas-Sindku dwar dak li ġara nhar il-Erbgħa 1 ta' Frar 2012.

  Fil-5.35p.m is-Sur Arthur Ellul daħal għal-laqgħa.

Is-Sindku qal li kienet ix-xewqa tiegħu li ma tiddaħħalx politika partiġġjana fil-Kunsill, iżda issa li Dr. P. Mifsud Bonnici talbet il-kummenti tiegħu huwa irrefera għall-fuljett pubblikat mill-Gvern dwar xogħlijiet fil-Ħamrun mingħajr ma' l-Kunsill ġie konsultat fuq dak li kien ser jinkiteb. Fil-fuljett ma ssemmewx il-fondi li nħarġu mill-Kunsill għax-xogħolijiet u attivitajiet elenkati.

Dr. P. Mifsud Bonnici staqsiet minn min ġiet organizzata z-zjara ta' Dr. Joseph Muscat u jekk is-Sindku kienx jaf biż-żjara? Is-Sindku spjega li din kienet organizzata mill-Partit bħala launching tal-Kampanja Elettorali għall-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali. Dr. P. Mifsud Bonnici qalet li attivita politika partiġġjana qatt ma kellha ssir f'propjeta amministrata mill-Kunsill. Is-Sur C. Valletta staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk inħarġux xi permessi biex issir l-attivita fil-ġnien li jinsab quddiem l-uffiċċju tal-Kunsill? Is-Segretarju Eżekkuttiv spjega li ma nħareġ l-ebda permess, iżda normalment għall-attivitajiet politiċi ma jintalbux permessi mill-Kunsilli Lokali.

Is-Sur C. Valletta ressaq mozzjoni sekondata minn Dr. P. Mifsud Bonnici (kopja annessa ma' dawn il-minuti).

Qabel ma' din il-mozzjoni tresqet għall-vot, is-Sindku ressaq mozzjoni "Is-Sur C. Valletta waqt seduta tal-Kunsill li fiha kien ser jiġi diskuss l-Inawgurazzjoini tal-Uffiċċju Amministrattiv u Parkeġġ, ressaq mozzjoni fejn issuġġerixxa li l-Kunsill joħroġ stqarrija lill-istampa biex jikkoreġi l-inkorettezzi li ntqalu minn xi mezzi tax-xandir partikolarment dwar il-fatt li l-investiment sar kollu mill-Kunsill u l-Gvern Ċentrali u li ma kien hemm l-ebda *Public Private Partnership,* u peres li rridu nivverifikaw iċ-ċifri tal-investimenti msemmija fl-istess mozzjoni, il-mozzjoni tas-Sur C. Valletta għandha tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill li ser issir il-Ħamis 16 ta' Frar 2012 fl-4.30p.m.

Is-Sinjura C. Borg issekondat.

Il-mozzjoni għaddiet b'ħames (5) voti favur u erba' (4) voti kontra.

- Is-Sindku ssuġġerrixxa li-l-Inawgurazzjoni ssir nhar il-Ħamis 23 ta' Frar 2012 u li l-Ġimgħa u Sibt ikun hemm *open days* għall-pubbliku. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment. Ġie deċiż li t-tliet baned tal-Ħamrun jintalbu biex mingħajr ħlas jagħqdu banda bejniethom u jagħmlu xi marċi fit-toroq tal-viċinanzi u li l-iscouts jintalbu jagħmlu parata qudiem l-Uffiċċju tal-Kunsill.

  Ġie deċiż ukoll li ssir bibita għall-okkażjoni skond il-kundizzjonijiet stabbiliti f' Memo 122/2010 u 8/2011 u li ssir irħama tal-kommemorazzjoni tal-ftuħ fuq barra ħdejn il-bieb prinċipali tal-Kunsill u oħra ġewwa li jindika li l-proġett infetaħ fi żmien il-ħames Kunsill Lokali Ħamrun fejn jitniżlu l-ismijiet tal-Kunsilliera.

  Is-Sindku wera x-xewqa li l-inawgurazzjoni tal-proġett għandha ssir minnu. Dr. P. Mifsud Bonnici spjegat li kien jixraq li l-proġett jiġi inawgurat mill-Prim Ministru u s-Sindku.

Peres li ma kienx hemm qbil, Dr. P. Mifsud Bonnici resqet mozzjoni "Li l-inawgurazzjoni tal-proġett fid-data stabbilita għandha ssir mill-Prim Ministru flimkien mas-Sindku. Is-Sur C. Valletta ssekonda.

Is-Sindku ressaq emenda għall-mozzjoni "Bħalma ġara f'lokalitajiet oħra, l-inawgurazzjoni għandha ssir mis-Sindku, pero jekk din id-deċiżjoni tkun ta' ostaklu għall-protokoll, ma nsib l-ebda oġġezzjoni li fl-inawgurazzjoni jidħol uffiċjalment il-Prim Ministru konġunt miegħi". Is-Sinjura C. Borg issekondat.

Ittieħet vot fuq l-emenda.

Il-mozzjoni fuq l-emenda ġiet appprovata b'ħames (5) voti favur u erba' (4) voti kontra.

Ittieħet vot fuq il-mozzjoni oriġinali.

Il-mozzjoni oriġinali m'għaddietx b'erba' (4) voti favur u ħames (5) kontra.

- Ġie deċiż li flimkien mal-persuni li jiġu mistiedna ssoltu fl-attivita ta' Jum il-Ħamrun, bħala mistiedna distinti għandhom jiġu mistiedna l-Prim Ministru, l-Onor. Dr. Chris Said, l-Onor. Dr. Carmelo Mifsud Bonnici, il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Dr. Stefan Buontempo u l-Membri Parlamentari tad-Distrett.

## 4. <u>Aġġornament</u>

Il-laqgħa spiċċat fis-7.15pm. Ġie deċiż unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 16 ta' Frar 2012 fl-4.30p.m

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| Vincent Bonello<br>Sindku<br>Kunsill Lokali Ħamrun | Philip Massa<br>Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Ħamrun |

____________________

DATA